MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 860/2018 LM

**Anthony Galea detentur tal-karta tal-identità bin-numru 451367M**

***vs.***

**Untours Insurance Agency Limited (C 5655) u**
**John Mary Caruana detentur tal-karta tal-identità bin-numru 685946M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-24 ta' Awwissu, 2018, minn **Anthony Galea** (K.I. Numru 451367M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minn Anthony Galea stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar il-5 ta' Novembru, 2015 għall-ħabta tas-sitta neqsin ħamsa ta' filgħodu (05:55am), waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala Kuntistabbli tal-Pulizija stazzjonat fit-Taqsima tat-Traffiku, huwa kien involut f'inċident stradali ġewwa ż-Żona Industrijali ta' San Ġwann;*

2. *Illi dan l-inċident seħħ unikament u esklussivament minħabba negliġenza, traskuraġni, kif ukoll nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut is-Sur John Mary Caruana;*

3. *Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), sabet lill-konvenut John Mary Caruana ħati li kkaġuna tali inċident u kkawża ġrieħi gravi lill-attur, liema deċiżjoni[1]qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'AG1';*

4. *Illi kaġun ta' dan l-inċident stradali l-attur sofra u għadu jsofri minn danni, kemm bħala* damnum emergens *kif ukoll bħala* lucrum cessans. *Tali danni,* inter alia, *ġew ikkawżati minħabba l-fatt li l-esponenti sofra debilità permanenti hekk kif jirriżulta minn diversi ċertifikati mediċi rilaxxati minn tobba u professjonisti, hawn annessi u mmarkati kif indikat, fosthom:*

   a. *Dok. AG2: Rapport Mediku rilaxxat minn Mr Massimo Abela;*

   b. *Dok. AG3: Rapport Mediku rilaxxat minn Mr Eric J. Farrugia;*

   c. *Dok. AG4: Rapport Mediku rilaxxat minn Dr Mark Xuereb;*

   d. *Dok. AG5: Rapport Mediku rilaxxat minn Mr Joseph E. Briffa.*

5. *Illi l-esponenti għadu sal-lum il-ġurnata jbati minn debilità permanenti u dan hekk kif ser jiġi debitament pruvat waqt il-mori ta' din il-kawża;*

6. *Illi inoltre, minħabba raġunijiet unikament imputabbli lill-konvenut John Mary Caruana, l-attur tilef ammont sostanzjali mis-salarju li kellu, kemm f'sahra u kif ukoll* allowances, *u dan kif jirriżulta mid-dokumenti maħruġa mis-sezzjoni tas-salarji fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, liema dokumenti qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'AG6';*

7. *Illi kaġun tal-inċident, l-attur kellu jattendi għal diversi appuntamenti għand speċjalisti u professjonisti oħra minħabba l-ġrieħi li hu sofra. Illi minħabba f'hekk l-attur inkorra diversi spejjeż f'appuntamenti u f'xiri ta' mediċina preskritta lilu. Tali spejjeż qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'AG7';*

8. *Illi s-soċjetà assiguratriċi konvenuta, kif ukoll il-konvenut John Mary Caruana, kienu interpellati diversi drabi sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kkaġunati lill-attur, anke permezz ta' ittra uffiċjali datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), liema ittra uffiċjali qiegħda tiġi hawn annessa u*

[1] **Il-Pulizija** ***vs*** **John Mary Caruana**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Grazio Mercieca LL.D, 21.06.2017.

*mmarkata bħala Dok. 'AG8'. Kemm is-soċjetà konvenuta kif ukoll il-konvenut John Mary Caruana baqgħu inadempjenti.*

9. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

10. *Illi dawn il-fatti l-attur jafhom personalment.*

*Għaldaqstant, u in vista ta' dak espost fil-premess, l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li s-soċjetà assiguratriċi konvenuta u l-konvenut John Mary Caruana responsabbli għall-inċident de quo li seħħ fil-5 ta' Novembru 2015;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, kemm dawk bħala* damnum emergens *kif ukoll dawk bħala* lucrum cessans*; u*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà assiguratriċi konvenuta u l-konvenut John Mary Caruana in solidum iħallsu lill-attur id-danni kollha li jiġu hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti li huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Untours Insurance Agency Limited** (C 5655) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Ottubru, 2018, u maħlufa minn Richard Vella (K.I. Numru 523359M), li biha eċċepiet:

1. *Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fil-ħamsa (5) ta' Novembru, elfejn u ħmistax (2015) hija ammessa iżda ma sarx ftehim dwar il-*quantum *dovut;*

2. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;*

3. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **John Mary Caruana** (K.I. Numru 685946M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fil-5 ta' Ottubru, 2018, u maħlufa minnu stess, fejn eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-esponenti kien b'xi mod jaħti għall-inċident in kwistjoni u dana hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
2. *Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, kull somma ta' danni pretiża mir-rikorrenti hija kkontestata, u r-rikorrenti għandu jressaq l-aħjar prova valida skont il-Liġi sabiex jipprova dak minnu allegat in linea ta' danni in konnessjoni ma' dan l-inċident u li juri li d-danni pretiżi minnu huma riżultat* <u>*esklussiv*</u> *tal-inċident mertu tal-kawża u tal-ebda inċident preċedenti, jew ta' xi* pre-existing health condition *illi seta' kien qed ibati minnha, jew ta' kwalunkwe ċirkostanza oħra;*
3. *Illi fl-aħħar nett, mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, l-esponenti jeċċepixxi illi f'każ ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur ir-rikorrenti, għandha titnaqqas kull somma ta' benefiċċju u/jew kumpens illi r-rikorrenti diġà ħa jew ser jieħu minn sorsi oħrajn – sew pubbliċi kif ukoll privati – minħabba l-istess inċident mertu tal-kawża odjerna;*
4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Frar, 2020 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni wara inċident li huwa kellu waqt li kien qiegħed jaqdi dmirijietu bħala kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija. L-inċident inkwistjoni seħħ fil-5 ta' Novembru, 2015 fiż-Żona Industrijali ta' San Ġwann, waqt li l-attur kien qiegħed isuq mutur, filwaqt li l-konvenut kien ħiereġ minn *side street* waqt li kien qiegħed isuq vann (minn issa 'l quddiem "l-inċident"). L-attur jgħid li l-inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku mill-konvenut. Jgħid ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) kienet sabet lill-konvenut ħati li kkawża l-inċident, wara li l-konvenut ammetta għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. In vista ta' din l-ammissjoni, l-attur istitwixxa dawn il-proċeduri li permezz tagħhom qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għall-inċident imsemmi, u tgħaddi biex tillikwida d-danni materjali u d-danni konsistenti f'telf ta' qligħ futur sofferti minnu, filwaqt li tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas tal-istess.

Is-soċjetà konvenuta wieġbet li minkejja li r-responsabbilità għall-inċident hija ammessa, il-partijiet ma laħqu l-ebda ftehim bejniethom dwar id-danni li jridu jitħallsu lill-attur.

Il-konvenut min-naħa tiegħu eċċepixxa li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li mhux minnu li huwa jaħti għall-inċident. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li kull danni pretiżi mill-attur qegħdin jiġu kkontestati, u l-attur għandu jressaq l-aħjar prova skont il-liġi sabiex jipprova d-danni allegati minnu, kif ukoll għandu jipprova li dawn id-danni huma riżultat esklussiv tal-inċident. Il-konvenut talab lill-Qorti wkoll sabiex f'każ li tgħaddi biex tillikwida

d-danni sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident, tnaqqas kull benefiċċju li seta' rċieva l-attur minn fondi pubbliċi jew privati.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta kopja tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) fil-21 ta' Ġunju, 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* John Mary Caruana**[2], minn fejn jirriżulta li l-konvenut instab ħati talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħsarat involontarji fuq vettura għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħsarat involontarji fuq vettura għad-dannu ta' Eleonor Pullicino, talli saq vettura b'manjiera traskurata bi ksur tal-artikolu 15(1) (a) u (3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Galea u fuq il-persuna ta' Eleonor Pullicino. Minn qari tad-deċiżjoni jirriżulta wkoll li l-konvenut ammetta għal dawn l-akkużi li tressqu kontrih.

L-attur ippreżenta wkoll kopja tar-rapport mediku maħruġ minn **Mr Massimo Abela**, *orthopaedic and trauma surgeon*[3], li kkonstata li l-attur kellu l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri fil-5 ta' Novembru, 2015, waqt li kien qiegħed isuq mutur fil-qadi ta' dmirijietu bħala kuntistabbli tal-Pulizija, u ntlaqat minn

[2] *A fol.* 8 tal-proċess.
[3] *A fol.* 10 tal-proċess.

vettura li kienet ħierġa minn *side street.* Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra ġrieħi f'rasu u għal xi ħin intilef minn sensih. Wara l-inċident, l-attur kien rikoverat fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-isptar, u wara li ġie eżaminat ġie stabbilit li dan kien qiegħed isofri minn ksur f'rasu u fil-kustilji u kellu ġrieħi oħra fosthom fi spallejh u fil-polz tal-lemin. Minkejja t-trattament u l-kura li ngħata, l-attur baqa' jilmenta minn uġigħ u nefħa f'idejh speċjalment meta jinvolvi ruħu f'attivitajiet manwali, uġigħ persistenti f'sidru ma' ċerti movimenti, u minn uġigħ fi spallejh u f'saqajh. In vista ta' dawn il-problemi ta' saħħa persistenti, l-espert mediku ex parte Mr Massimo Abela stabbilixxa li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' tnax fil-mija (12%).[4]

L-attur ippreżenta wkoll kopja tar-rapport li tħejja minn **Mr Eric J. Farrugia** *(consultant head and neck and E.N.T. surgeon)*[5], li eżamina lill-attur wara l-inċident, peress li baqa' jilmenta minn deformità f'imnieħru kawża ta' ksur, kif ukoll minn nuqqas ta' sensazzjoni fis-saqaf ta' ħalqu u f'parti minn xofftejh. Mr Farrugia qal li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' sitta fil-mija (6%) minħabba fid-debilitajiet li sofra f'wiċċu konsegwenza tal-inċident.[6]

---

[4] Fil-fehma tal-espert mediku Mr. Massimo Abela, "*Mr Galea continues to complain of pain associated with significant functional limitations in the right wrist, the left shoulder, the left foot and the chest wall. The crush fracture of the trapezium bone of the right wrist will almost certainly lead to post-traumatic osteoarthritis of the 1st carpo-metacarpal joint of the thumb. This may need to be addressed surgically should his symptoms worsen in the future. The capsulo-ligamentous injury incurred by the left shoulder has been further defined with the aid of an MRI scan. The scan highlighted a postero-inferior labral tear associated with a small paralabral cyst and rotator cuff tendinopathy. The tear in the labrum may have to be addressed surgically if the shoulder becomes increasingly unstable. The permanent disability related to the orthopaedic injuries sustained by Mr Anthony Galea amounts to 12% (twelve percent).*"

[5] *A fol.* 18 tal-proċess.

[6] Fil-fehma tal-espert mediku Mr Farrugia, "*Mr Galea was found to have an obvious nasal deformity with nasal bones deviated to the right. Nasal airway was found to be reduced on the right side as compared to the left side. Numbness over upper lip right side under infra orbital region and numbness of upper teeth were noted. As a year has now elapsed there is no room for improvement in sensory nerve damage sustained. His nasal cosmetic appearance and nasal function can be corrected but Mr Galea would have to undergo surgical intervention. In view of the above finding, patient is certified to be suffering from facial disfigurement Class 2 (6%-10%), severity grade %( 6, 7, 8, 9, 10) 6% of which is equivalent to 6% whole person impairment rating as evidenced by: 4. Slight facial asymmetry – deviated nasal bones to the right; 5. Mild numbness of right infra orbital area (upper lip and teeth); 6. Fractures as shown by CT scans.*"

Rapport ieħor ippreżentat mill-attur huwa dak redatt mill-psikjatra **Dr Mark Xuereb**,[7] li stabbilixxa li konsegwenza tal-inċident l-attur għadu qiegħed isofri minn *post traumatic stress disorder,* u l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur jammonta għal għoxrin fil-mija (20%).

L-attur ippreżenta wkoll rapport mediku redatt minn **Mr Joseph E. Briffa** (*consultant plastic and reconstructive surgeon*)[8], li eżamina lill-attur fis-26 ta' Settembru, 2016, minħabba d-diversi ġrieħi u feriti li l-attur sofra f'partijiet minn wiċċu konsegwenza tal-inċident. Mr Briffa kkonstata li wħud mill-ġrieħi sofferti mill-attur huma ta' natura permanenti u ma jistgħux jiġu kkorreġuti, filwaqt li qal li hemm proċedura kirurġika korrettiva li tista' ssir fuq l-attur sabiex jiġu indirizzati wħud mill-problemi l-oħra li l-attur qiegħed isofri minnhom. Mr Briffa qal li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' għaxra fil-mija (10%) konsistenti fiċ-ċikatriċi fil-parti tal-lemin ta' wiċċu (1%), iċ-ċikatriċi fuq għajnu tax-xellug (0.5%), deformità fl-imnieħer li qiegħda tikkawża tfixkil fit-teħid tan-nifs (6%) u nuqqas ta' sensazzjoni fil-wiċċ (2.5%).[9]

L-attur ippreżenta għadd ta' irċevuti rigward l-ispejjeż mediċi li inkorra, kif ukoll skeda li turi l-*allowances* u flus għas-sahra li huwa tilef konsegwenza tal-

---

[7] *A fol.* 22 tal-proċess.
[8] *A fol.* 23 tal-proċess.
[9] Fil-fehma tal-espert mediku Mr Briffa, "*The scars on the right cheek and lateral to the left eye are permanent in nature. They cannot be improved further by any therapeutic modality such as surgery or lasering. The right cheek scar is fairly visible. It can be hidden by the use of cosmetic camouflage make up. This would involve an ongoing expense which I am not in a position to quantify. ... The nasal deviation to the right appears to be a result of the radiologically confirmed fractures of the nasal bones. This deviation is causing partial obstruction of the right airway and is thus interfering with breathing through the nose. ... The numbness across the cheeks, upper lip, nasal bridge, upper teeth and palate is due to injury to branches of the maxillary nerves on both sides. The infraorbital nerves in particular seem to have been damaged significantly. Nerve injury can recover to varying degrees if the nerves are still in continuity. However if the nerves are completely divided recovery is virtually impossible unless the nerves are repaired surgically. The maxillary nerves that have been affected run through bone adjacent to the maxillary sinuses. Mr Galea claims that there has been no improvement whatsoever in sensation over the 10 months since the injury. I feel that the bilateral maxillary fractures have probably divdided the nerves or their branches. If this is the case I would not expect any improvement whatsoever in sensation and the loss of feeling may be considered as permanent.*"

inċident li seħħ waqt il-qadi ta' dmirijietu.[10] L-attur ippreżenta wkoll kopji tal-irċevuti għax-xiri ta' oġġetti minn spiżeriji u għal visti fi sptarijiet privati u għal konsulenzi mediċi oħra.[11]

L-attur ippreżenta wkoll kopja tal-ittra uffiċjali ppreżentata minnu fit-2 ta' Ottubru, 2017 kontra l-konvenuti, li permezz tagħha huwa interpellahom jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni spettanti lilu konsegwenza tal-inċident stradali inkwistjoni.[12]

L-attur fl-*affidavit* tiegħu[13] spjega li huwa kien jaħdem bħala Pulizija fit-Taqsima tat-Traffiku, u qal li huwa qatt ma sofra minn problemi mediċi jew fiżiċi qabel l-inċident inkwistjoni. Qal li qabel kellu l-inċident huwa kien bniedem attiv u jipprattika l-isport tal-*waterpolo,* imma wara l-inċident kellu jieqaf jipprattika dan l-isport. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien xogħol ġewwa ż-żona industrijali ta' San Ġwann, fejn għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu seħħ l-inċident, għalkemm ma jiftakar xejn x'ġara wara li kien seħħ l-impatt. Spjega li huwa kien qiegħed isuq il-mutur, u l-impatt kien wieħed qawwi, tant hu hekk li mad-daqqa huwa tar minn fuq il-mutur u ntilef minn sensih. Mal-impatt inqasam ukoll il-*crash helmet* li kien liebes. L-attur qal li huwa dam rikoverat fit-Taqsima tal-Kura Intensiva għal disat ijiem minħabba l-feriti gravi li kellu f'rasu, u mill-eżamijiet mediċi li saru fuqu, rriżulta li huwa kellu ksur f'diversi partijiet ta' rasu, kif ukoll daqqiet u feriti ma' wiċċu kollu. L-attur qal li huwa qatt ma reġa' rkupra saħħtu wara l-inċident, u minkejja li mar għal diversi visti mediċi, huwa xorta waħda għadu jsofri minn uġigħ u minn għadd ta' debilitajiet oħra. L-attur ikkonkluda li apparti l-problemi f'saħħtu,

[10] *A fol.* 29 u 30 tal-proċess.
[11] *A fol.* 31 *et seq.* tal-proċess.
[12] *A fol.* 43 tal-proċess.
[13] *A fol.* 49 tal-proċess.

huwa bata ħafna wkoll finanzjarjament minħabba l-inċident, peress li ma setax jattendi għax-xogħol, u qal li bejn sahra u *allowances* tilef aktar minn ħamest elef Euro (€5,000), u dan apparti l-ispejjeż tal-mediċini u tal-visti għand diversi tobba li jridu jsegwu l-progress mediku tiegħu fuq bażi regolari.

Waqt l-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2019 xehdet l-**RPC 3021 Rita Cassar**[14], li spjegat li taħdem fit-taqsima tar-riżorsi umani tal-Korp tal-Pulizija, li kkonfermat li l-attur huwa kuntistabbli tal-Pulizija li kien ġie ingaġġat fil-Korp fit-28 ta' Ġunju, 1994. Ix-xhud qalet li l-attur għadu Kuntistabbli tal-Pulizija, u wara l-inċident ġie stazzjonat fit-Taqsima tal-Immigrazzjoni. Ix-xhud ikkonfermat li konsegwenza tal-inċident, l-attur għamel żmien ma jirrappurtax għax-xogħol, u meta rritorna għax-xogħol huwa tpoġġa fil-*posting pool* tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija minħabba l-inċident li kellu. Ix-xhud ippreżentat xi dokumenti marbuta ma' korsijiet u mat-taqsimiet tal-Korp tal-Pulizija li ħadem fihom l-attur.[15]

Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll **Loredana Sammut Belli**, *principal* fis-sezzjoni tas-salarji tad-depot tal-Pulizija[16], li ppreżentat kopji tal-*payslips* tas-salarji li tħallsu lill-attur bejn is-sena 2011 u 2018, b'dettalji dwar is-salarju bażiku, l-*allowances,* u s-sahra li kienu tħallsu lilu.[17] Ix-xhud qalet li wara Novembru tal-2015 kien hemm xi *allowances* li ma tħallsux tal-attur u li tnaqqsu mid-dħul tiegħu.

[14] *A fol.* 71 tal-proċess.
[15] *A fol.* 73 u 74 tal-proċess.
[16] *A fol.* 74A tal-proċess.
[17] *A fol.* 75 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2019 xehed **Mr Joseph Briffa**[18], li kkonferma li r-rapport esebit mill-attur *a fol.* 23, inħareġ minnu fis-27 ta' Settembru, 2016, u minkejja li huwa ma reġax eżamina lill-attur wara dakinhar, fil-fehma tiegħu d-diżabilitajiet li semma fir-rapport tiegħu huma ta' natura permanenti.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Mr Eric Farrugia**[19], li wkoll ikkonferma r-rapport *a fol.* 18 maħruġ minnu wara li eżamina lill-attur.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2019 xehed **Dr Mark Xuereb**[20], li qal li huwa kien qiegħed jara lill-attur fuq bażi regolari, u wara l-inċident l-attur dejjem baqa' attent għal dak li jista' jiġrilu u ħajtu hija kkundizzjonata b'dak li jista' jiġrilu, b'konsegwenza tat-trawma li għadda minnha minħabba l-inċident. Ix-xhud spjega li wara l-inċident l-attur baqa' jsofri minn *post traumatic stress disorder,* li x-xhud spjega li hija *"a catastrophic sudden experience over which the person has no control".* Qal li fil-każ tal-attur id-debilità permanenti li ser jibqa' jsofri minnha konsegwenza tal-inċident hija fil-grad ta' għoxrin fil-mija (20%) u spjega li dak li għadda minnu l-attur ikkawżalu toqol li ser jibqa' dejjem miegħu.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju, 2019, il-Qorti ħatret lil **Mr Frederick Zammit Maempel** bħala espert mediku ġudizzjarju sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-konsegwenzi li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ħalla fuqu.[21]

Waqt l-istess udjenza xehed **Mr Massimo Abela**[22], li kkonferma r-rapport mediku *a fol*. 10, maħruġ minnu fis-17 ta' Settembru, 2016.

[18] *A fol.* 95 tal-proċess.
[19] *A fol.* 97 tal-proċess.
[20] *A fol.* 106 tal-proċess.
[21] *A fol.* 122 tal-proċess.
[22] *A fol.* 129A tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza deher **Godwin Catania**, in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei[23], li ppreżenta kopja tal-*file* mediku tal-attur.[24]

L-espert mediku ġudizzjarju **Mr Frederick Zammit Maempel** ippreżenta r-rapport tiegħu fil-21 ta' Awwissu, 2019[25], fejn jirriżulta li huwa eżamina lill-attur tnejn u erbgħin (42) xahar wara li seħħ l-inċident. L-espert mediku ġudizzjarju qal li l-attur spjegalu li wara l-inċident huwa baqa' jsofri minn episodji ta' wġigħ fi spalltu tax-xellug, uġigħ fil-ġenb tax-xellug, tnemnim persistenti f'imnieħru, f'xufftejh, fix-xedaq u fil-ħaddejn, għandu problemi bix-xamm u spiss iħoss imnifsejh miżdudin. L-espert mediku ġudizzjarju kkonkluda li l-attur kellu *head injury* qawwija minħabba l-inċident, fejn sofra wkoll ksur ta' diversi għadam tal-kranju, u ħsara fit-tessuti tal-ispalla, ħsara fil-ligamenti ta' siequ x-xellugija, u ksur tal-għadma tat-*trapezium* fil-polz tal-lemin. Mr Zammit Maempel qal li minkejja li l-ksur għaqad, aktarx li fil-futur l-attur ser jiżviluppa artrite prematura minħabba li l-wiċċ tal-għadma ma baqax lixx, u x'aktarx li l-attur ser jibqa' jesperjenza wġigħ kull darba li jagħmel xogħol ta' skariġġ (*heavy manual work*). L-espert mediku ġudizzjarju kkonkluda li konsegwenza tal-inċident, l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti ta' disgħa fil-mija (9%) mil-lat ortopediku, u dan il-grad ta' debilità permanenti ma jinkludix l-effetti u l-ilmenti tal-attur marbuta mal-*head injury* sofferta minnu, li ma jaqgħux taħt l-ortopedija.

Permezz ta' nota tas-6 ta' Diċembru 2019, l-attur ippreżenta l-kont tal-psikjatra Dr Mark Xuereb.[26]

---

[23] *A fol.* 129Ċ tal-proċess.
[24] Esebit *a fol.* 130 *et seq.* tal-proċess.
[25] *A fol.* 209 tal-proċess.
[26] *A fol.* 218 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

F'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti normalment tibda billi tistħarreġ il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident li jkun wassal għat-talba għad-danni da parti tal-attur. F'dan il-każ is-soċjetà konvenuta eċċepiet li r-responsabbilità għall-inċident hija ammessa da parti tagħha. Imma l-konvenut min-naħa tiegħu eċċepixxa li huwa m'għandu l-ebda responsabbilità x'iġorr għall-inċident. Madanakollu jirriżulta li huwa kien ammetta għall-akkużi miġjuba kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali), fosthom għall-akkuża li waqt l-inċident huwa saq b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u li naqas li jħares ir-regolamenti tat-traffiku. Quddiem din il-Qorti, l-ebda wieħed mill-partijiet ma ġab prova dwar id-dinamika tal-inċident, u l-konvenut min-naħa tiegħu ma ġab l-ebda prova sabiex jipprova jikkonvinċi lill-Qorti li huwa mhux responsabbli għall-inċident. L-unika prova li għandha quddiemha l-Qorti dwar il-mod kif seħħ l-inċident għalhekk hija d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) fejn il-konvenut kien ammetta għall-akkużi miġjuba kontrih. Konsegwentement jifdal biss li din il-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur abbażi tal-provi miġjuba fil-kawża.

*Damnum Emergens:*

L-attur ippreżenta għadd ta' rċevuti rigward spejjeż li huwa kellu jagħmel in segwitu għall-inċident. L-ispejjeż rigward r-rapporti li saru minn esperti mediċi *ex parte* li eżaminaw lill-attur, jammontaw għal €250[27], €180[28], €200[29], u

[27] Mr Massimo Abela, *a fol.* 16 tal-proċess.
[28] Mr Eric J. Farrugia, *a fol.* 21 tal-proċess.
[29] Mr Briffa, *a fol.* 27 tal-proċess.

€2,900.[30] Mid-dokumenti esebiti f'paġni 29 u 30 tal-proċess, jirriżulta li l-attur tilef *allowances* fl-ammont ta' €1,993.09 għas-snin 2015 u 2016, tilef sahra fl-ammont ta' €492.62 għas-snin 2015 u 2016, u fl-istess perijodu tilef *allowances* tax-xogħol fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi fl-ammont ta' €3,646.94. Mill-irċevuti ppreżentati f'paġni 31 *et seq.* tal-proċess, jirriżultaw is-segwenti ħlasijiet: €42.12 (Casa Natura); €19.70 (The Drugstore); €54 (The King's Garden); €27.77 (Medical Plaza); €9.19 (Medical Plaza); €3.98 (Medical Plaza); €3.10 (The Drugstore); €25.50 (The Drugstore); f'paġna 32 ġiet ippreżentata irċevuta maħruġa minn Medical Plaza fejn l-ammont mhuwiex ċar; €8.50 (Medical Plaza); €20.59 (Holland & Barrett); €4.10 (Edward's Pharmacy); €5.38 (Medical Plaza); u €12.69 (Medical Plaza); f'paġna 33 ukoll tirriżulta irċevuta li mhix ċara; ġew esebiti 3 irċevuti fl-ammonti ta' €10.10 (A.M. Mangion Ltd.); €20.34 (Medical Plaza); u €11.50 (Medical Plaza). L-irċevuti esebiti f'paġni 34 u 35 tal-proċess ma jirriżultawx li huma għal xiri ta' mediċini sabiex l-attur ikun jista' jikkura uġigħ jew konsegwenzi oħra li huwa sofra minħabba l-inċident. Irċevuti oħra huma għal €55 (Persona Clinic)[31]; €90 (irċevuta tat-Tarġa Clinics)[32]; €71 (konsulta Mr Massimo Abela)[33]; €51 (konsulta Mr Eric J. Farrugia)[34]; u €5 ħlas għall-użu tas-servizzi f'Saint James Hospital.[35] L-irċevuta esebita f'paġna 42 tal-proċess jirriżulta li hija kopja tal-istess irċevuta esebita f'paġna 37 tal-proċess u għalhekk il-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni tagħha fil-komputazzjoni li qed tagħmel. Total ta' dawn l-irċevuti ppreżentati huwa ta' €10,213.21, bħala danni materjali li l-attur ġarrab konsegwenza tal-inċident.

---

[30] Mr Mark Xuereb, *a fol.* 219 tal-proċess.
[31] *A fol.* 36 tal-proċess.
[32] *A fol.* 37 tal-proċess.
[33] *A fol.* 38 tal-proċess.
[34] *A fol.* 40 tal-proċess.
[35] *A fol.* 215 tal-proċess.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[36], intqal illi:

> "... il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[37], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Mill-provi prodotti mill-attur, jirriżulta li fis-sena immedjatament qabel dik meta seħħ l-inċident (l-2014), l-attur kellu dħul nett ta' €13,157.70.[38] Il-Qorti tispjega li għall-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ futur, hija sejra tikkonsidra biss id-dħul nett tal-attur minħabba li l-*allowances* u s-sahra li tilef ġew ikkomputati mad-danni attwali sofferti minnu. Jirriżulta wkoll li wara s-sena 2016, l-attur reġa' beda jagħmel is-sahra u reġa' beda jitħallas l-*allowances,* u għalhekk it-telf ta' qligħ futur ser ikun ibbażat fuq is-salarju bażiku li l-attur

[36] P.A., 18.02.2013.
[37] P.A., 27.04.2005.
[38] *A fol.* 79 tal-proċess.

kellu fis-sena 2014. Dan l-ammont irid jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni medja għall-ħames snin ta' wara li seħħ l-inċident.[39]

Id-dħul tal-attur għas-sena 2014 għalhekk ser jiġi aġġustat u jogħla a bażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[40], sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien jipperċepixxi fl-ammont ta' €13,157.70 + €15,176.09 / 2 = €14,166.90. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' tmienja u erbgħin (48) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 13, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu 65 sena sabiex jilħaq età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[41], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...

[39] Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rati tal-inflazzjoni fis-snin 2015-2019 kienu hekk: 2015 – 1.1%; 2016 – 0.64%; 2017 – 1.37%; 2018 – 1.16%; u 2019 – 1.64%. Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin kienet għalhekk ta' 1.1% + 0.64% + 1.37% + 1.16% + 1.64%/5 = 1.18%.

[40] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*

[41] P.A., 10.05.2005.

> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern kienu diversi l-esperti mediċi li eżaminaw lill-attur u li taw l-opinjoni esperta medika tagħhom dwar il-grad ta' debilità permanenti sofferta minnu konsegwenza tal-inċident. Il-Qorti ħatret ukoll espert mediku ġudizzjarju sabiex jeżamina lill-attur u jistabbilixxi l-grad ta' debilità permanenti sofferta minnu mil-lat ortopediku, u għall-finijiet tal-komputazzjoni tad-danni, il-Qorti sejra tuża l-grad ta' debilità permanenti li wasal għalih l-espert mediku maħtur minnha, minħabba li dan eżamina lill-attur tnejn u erbgħin (42) xahar wara li seħħ l-inċident, u għalhekk il-konklużjonijiet li wasal għalihom dan l-espert huma l-aktar li jistgħu jagħtu stampa ċara għal dik li hija permanenza tad-debilità sofferta mill-attur. Mr Zammit Maempel ikkonkluda li l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti fil-grad ta' disgħa fil-mija (9%) mil-lat ortopediku. L-attur ġie eżaminat ukoll minn pspikjatra *ex parte* Dr Mark Xuereb, li kkonkluda li l-grad ta' debilità permanenti mil-lat psikjatriku huwa ta' għoxrin fil-mija (20%). L-espert mediku *ex parte* Mr Briffa kkonkluda li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti estetika ta' għaxra fil-mija (10%). Mr Briffa ħa konsiderazzjoni tal-fatt li l-attur qiegħed isofri minn debilità ta' sitta fil-mija (6%) konsegwenza tad-deformità fl-imnieħer li qiegħda tikkawżalu tfixkil fit-

teħid tan-nifs, li huwa l-istess grad ta' debilità permanenti li wasal għalih Mr Eric J. Farrugia (ENT) minħabba fl-istess problema.

Il-Qorti tqis hawnhekk li jkun utili li tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Brian Micallef *vs* Brian Tyre Services et**[42], fejn intqal illi:

> "Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala *weighted average,* fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average,* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (**Cassar Pullicino noe et *vs* Xuereb et, App. 20.02.2009).**"

F'sentenza fl-ismijiet **Frendo *vs* Cachia**[43], intqal illi:

> "Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."

Mill-kalkolu li għamlet il-Qorti, il-*weighted average* tad-debilitajiet permanenti sofferti mill-attur jagħtu debilità totali ta' 35.2%.[44]

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Ċertament li ma

---

[42] App. Ċiv. 31.01.2014.

[43] P.A., 20.04.2009.

[44] Il-formula li ntużat mill-Qorti sabiex ġie stabbilit il-*weighted average* hija (100-M)/100 x m + M (M hija l-ogħla rati ta' diżabilità stabbilita, dik ta' 20% mil-lat psikjatriku u dik ta' 10% mil-lat, filwaqt li l-inqas rata ta' diżabilità hija dik ta' 9% mil-lat ortopediku). Ara Regolament 3 tad-*Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity – "Assessment Regulations"* tal-2010 maħruġa mill-Ministeru Responsabbli għall-Ġustizzja, fejn il-formula li qiegħda titħaddem hija: (100-20) x 19/100) + 20 = 35.2%.

jistax jintqal li f'dan il-każ kien hemm xi parti jew oħra li tawlet il-proċeduri inutilment, u s-sentenza qiegħda tingħata fi żmien inqas minn sentejn minn meta nbdew dawn il-proċeduri, u għalhekk il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tnaqqis minn dawn l-20%.

Is-salarju medju ta' €14,166.90 x *multiplier* ta' 13 x 35.2% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €64,827.73 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' wieħed u ħamsin elf, tmien mija u tnejn u sittin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€51,862.19). Magħduda mad-danni attwali sofferti mill-attur, it-total ta' danni li qegħdin jiġu likwidati minn din il-Qorti huma ta' tnejn u sittin elf, u ħamsa u sebgħin Euro u erbgħin ċenteżmu (€62,075.40).

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-konvenut John Mary Caruana huwa responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża li seħħ fil-5 ta' Novembru, 2015;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' tnejn u sittin elf, u ħamsa u sebgħin Euro u erbgħin ċenteżmu (€62,075.40);**

4. **Tikkundanna lis-soċjetà assiguratriċi konvenuta u l-konvenut John Mary Caruana *in solidum* iħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati;**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**